MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1710/1994/1

**Bonaventure maghruf bhala Arthur Farrugia fil-kwalita` tieghu ta’ direttur, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` “Fibremar Company Limited”**

**Vs**

**Christopher Rizzo u Joseph Rizzo fil-kwalita` taghhom ta’ diretturi, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` “Associated Supplies Limited”**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-15 ta’ Dicembru 1994 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b' kuntratt ta' l-24 ta' Settembru, 1993, is-socjeta` attrici giet ikkommissjonata mis-socjeta` konvenuta biex taghmel appalt konsistenti f' xoghol ta' *fibreglass*/irham sintetiku ezegwit fil-Jerma Palace Hotel, Marsascala, kif kellu jigi dettaljatament spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-appalt gie ezegwit u s-socjeta` konvenuta ghad baqalha thallas lis-socjeta` attrici l-bilanc ta' elfejn, disa' mija u sitta u tmenin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm2986.95);

Premess illi s-socjeta` attrici interpellat inutilment lis-socjeta` konvenuta biex tissalda l-imsemmi bilanc dovut;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* ihallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm2986.95 bilanc ta' somma akbar rapprezentanti appalt konsistenti f' xoghol ta' *fibreglass*/irham sintetiku ezegwit mis-socjeta` attrici fil-Jerma Palace Hotel, Marsascala, fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, kif fuq intqal;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat fid-29 ta' Novembru 1994, u bl-imghax legali mill-11 ta' Mejju 1994, data tal-prezentata tal-kont ghall-hlas, kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* pprezentata fit-23 ta' Jannar 1995, li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi it-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta` konvenuta ma kellha taghti l-ebda bilanc lis-socjeta` attrici, anzi kienet din ta' l-ahhar li kellha taghti lis-

socjeta` konvenuta penali ghad-dewmien kif kien ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kontro-talba;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* li fiha ppremettew:

Illi s-socjeta` konvenuta kienet tat appalt permezz ta’ kuntratt datat 24 ta’ Settembru 1993 lis-socjeta` attrici biex taghmel xoghol ta’ *fibreglass*/irham sintetiku fil-Jerma Palace Hotel, Marsascala;

Illi s-socjeta` attrici ezegwiet l-imsemmi appalt pero` mhux fiz-zmien stipulat;

Illi ghalhekk is-socjeta` attrici saret responsabbli lejn is-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta’ penali ammontanti ghal Lm3550 skond il-kuntratt ta’ appalt; u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talbu ghalhekk il-konvenuti *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur *nomine* hu responsabbli ghal dewmien fl-ezekuzzjoni ta’ l-imsemmi appalt;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-penali ghall-imsemmi dewmien tammonta, skond il-kuntratt ta’ l-appalt bejn il-partijiet, ghal Lm3550;

3. Tikkundanna lill-attur *nomine* jhallas lill-eccipjent *nomine* l-penali hekk dikjarata;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-attur *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *nomine* akkompanjanti l-kontro-talba taghhom, flimkien mal-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata fis-16 ta' Frar 1995 ta' l-attur *nomine* rikonvenut ghall-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* rikonvenjenti, illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenuti nomine kontenuti fil-kontro-talba taghhom kienu infodati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom *nomine* peress illi l-appalt konsistenti f' xoghol ta' *fibreglass*/irham sintetiku tlesta fiz-zmien;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine* rikonvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-18 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu gew nominati bhala periti gudizzjarji Dr. Joseph Micallef Stafrace u Victor Licari biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u tal-kontro-talba wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-esperti nominati li tinsab a fol. 109 *et sequitur* tal-process u li giet minnhom debitament konfermata fl-udjenza tas-17 ta' April 2002;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Tnejn huma l-kwestjonijiet principali involuti f' din il-kawza. Mill-banda l-wahda s-socjeta` attrici qed tfittex ghal hlas bilancjali tax-xoghol ta' *fibreglass* u rham sintetiku ezegwit minnha fil-Lukanda Jerma Palace, Marsascala, hekk sub-appaltat lilha mis-socjeta` konvenuta. Minn naha l-ohra s-socjeta` konvenuta tikkontestalha din il-pretensjoni permezz ta' kontro-talba diretta ghar-rizarciment tal-penali kontrattwalment konvenuta ghar-ritard fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet;

Ghal dawk li huma fatti, l-attur Bonaventure Farrugia, direttur tas-socjeta` attrici, jispjega fl-ewwel Affidavit tieghu (fol. 23) illi bejn is-socjetajiet kontendenti kien sar ftehim datat 24 ta' Settembru 1993 (esebit a fol. 25) ghall-ezekuzzjoni ta' xoghol varjat fil-Main Entrance tal-precitata lukanda. Huwa jghid li fil-kors ta' dan l-istess xoghol saru kemm tibdiliet kif ukoll zidiet minn dak originarjament approvat u maqbul. B' danakollu jikkontendi li x-xoghol tlesta fil-perjodu pattwit fil-kuntratt ta' ftehim, jigifieri sas-26 ta' Novembru 1993. Fuq dan il-punt l-attur *nomine* hu sostenut minn Joseph Balzan, Chief Engineer tal-lukanda imsemmija. (Ara Affidavit tieghu a fol. 53);

L-istess attur *nomine* jissokta jghid illi malli tlesta dan ix-xoghol is-socjeta` tieghu rceviet pagament ta' tliet elef lira (Lm3000). Aktar tard pero` fit-3 ta' Jannar 1994 irceva *snag list* (fol. 44) dwar xoghlijiet li kienu jenhtiegu rettifika kif fil-fatt sar ghas-sodisfazzjon tas-socjeta` konvenuta;

Kemm dan l-attur, kif ukoll John Abela, direttur iehor tas-socjeta` attrici (fol. 51), jaghtu mbaghad rezokont ta' xoghlijiet ohra lilhom ordnati u minnhom ezegwiti. *Inter alia*, kisi bil-*fibre* tat-travu tal-konkrit fil-Foyer Bar/Terrace, *gutter* tal-*fibreglass*, *planters*, u tqeghid ta' madum konglomerat fir-*restaurant*. Fil-kors ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn ix-xoghlijiet issoktaw jircievu hlasijiet minghand is-socjeta` konvenuta pero` dwar il-bilanc dovut dan baqa' ma thallasx ghaliex skond kif gew informati kienu nqalghu kwestjonijiet bejn l-istess socjeta` konvenuta u d-dirigenti

tal-lukanda fejn dawn ta' l-ahhar kienu zammewlhom xi flejjes;

Kif gja fuq intqal il-linja difensjonali tas-socjeta` konvenuta ppernjat ruhha fuq l-insistenza tad-diretturi taghha Stephen Rizzo (fol. 36) u Christopher Rizzo (fol. 62 u fol. 74) illi s-socjeta` attrici kienet tardiva fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet. B' ezempju jsemmu illi x-xoghol fil-*main entrance* tlesta fl-14 ta' Dicembru 1993 mentri dak relattiv ghal *conglomerated tiles* spicca fil-11 ta' Marzu 1994 u fit-18 ta' Marzu 1994 minflok fit-termini akkordati tal-25 ta' Frar 1994 u l-4 ta' Marzu 1994. Isostnu wkoll illi dwar xoghol *extra* gew miftehma perjodi itwal pero` b' daqshekk ma giex effettwat il-ftehim orginali;

L-attur *nomine* mhux biss jikkontraddici il-fatt tad-dewmien izda sahansitra jikkummenta wkoll illi hu gie a konoxxenza ta' l-allegazzjoni u pretensjoni tas-socjeta` konvenuta dwar it-tardivita` fix-xoghol, u allura tal-penali, fil-kors tal-proceduri. (Ara Affidavit tieghu a fol. 41);

Posta l-kwestjoni li l-kontendenti qeghdin jikkontendu dwarha jinghad qabel kull konsiderazzjoni ohra illi minn dak kaptat mill-kuntratt ta' l-24 ta' Settembru 1993 illi:

I. Primarjament dan il-ftehim kien limitat ghax-xoghlijiet hemm specifikati u riferibbli ghal dawk li kellhom isiru fil-Main Entrance tal-lukanda. Klawsola 8 (ii) tal-kuntratt, kuntrarjament ghal dak ritenut mill-konvenuti *nomine*, ma kinetx tikkontempla xoghlijiet ohra barra mill-parametri tal-ftehim izda biss dawk addizzjonali korrelatati max-xoghol fil-Main Entrance;

II. L-ezekuzzjoni tax-xoghol kienet soggetta ghall-verifika u approvazzjoni tal-Consultant Engineer tal-lukanda (Clause 2); f' dan il-kaz, ix-xhud imsemmi Joseph Balzan. Tajjeb li jigi osservat in parentesi illi t-tentattiv ahhari tas-socjeta` konvenuta li tiddiskredita l-attendibilita` tal-versjoni ta' dan ix-xhud ma timmerita l-ebda adezjoni.

Anzi jista' jinghad illi l-Qorti hi sodisfatta bl-ispjega dikjarata ta' dan ix-xhud a fol. 152 tal-process;

III. Il-kuntratt jahseb bi klawsola penali appozita ghal fatt tad-dewmien u ghar-rati applikabbli tal-penali (Clause 6);

IV. Fuq kollox jinghad illi d-decizjonijiet tal-Consultant Engineer huma finali u jorbtu lill-partijiet (Clause 3);

Dan stabbilit bhala konsiderazzjonijiet ta' fatt, ma jezisti l-ebda kuntrast illi f' materja ta' kuntratti jimpera l-principju "*pacta sunt servanda*", u allura hu evidenti li s-socjeta` attrici kienet obbligata li tezegwixxi x-xoghlijiet lilha assenjati b' diligenza, skond l-arti u s-sengha u fiz-zmien pattwit. Daqstant iehor hu mistenni illi s-socjeta` konvenuta, terminati u approvati x-xoghlijiet, kienet obbligata tghaddi ghal hlas. Din tibqa' l-bazi kif ukoll ir-raguni tal-patt kommissorju in kwantu hu dan li jaghti lill-kontraent wiehed kontra l-kontraent l-iehor inadempjenti d-dritt ta' l-azzjoni. Dan anke ghaliex kif preskritt fl-Artikolu 992 (1), Kapitolu 16, f' materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghal partijiet kontraenti;

Issa riferibilment ghal kontro-talba u l-pretensjoni ghal hlas tal-penali tajjeb li jigi osservat bhala konsiderazzjoni ta' dritt illi kif jinsab insenjat, "*la clausola penale nel nostro diritto positivo, che ha seguito la ragione datane dal Cod. Napoleone all' articolo 1229 e dal Codice Civile Italiano negli articoli 1209 e 1212 e` una convenzione accessoria che serve di mezzo per rafforzare la obbligazzione principale e rappresenta la valutazione convenzionale dei danni sofferti dal creditore per l' inadempimento o per la mora. Essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accessoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazione convenzionale*". (**Kollez. Vol. XXIV P I p 1110**);

Dan l-istess insenjament ghadu tutt' ora vigenti u kostantement applikat mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (**10 ta' Dicembru 1979 Nru. 6415; 20 ta' Ottubru 1984 Nru. 5305**) b'referenza ghall-Artikolu 1382 tal-Kodici Civili Taljan korrispondenti taht certu aspett ghal dak ta' l-Artikolu 1118 tal-Kodici Civili taghna;

Kif ulterjorment spjegat bl-akkoljiment tat-taghlim tal-**Giorgi** ("Obbligazioni", Vol. IV pagni 566-67, para. 452) "*la clausola penale se non libera il creditore dalla prova della colpa, lo libera, peraltro, dalla prova del danno e costituisce, pertanto, una presunzione 'juris et de jure' che un danno ci sia ed in quella misura che e` stata pattuita ...*". (**Kollez. Vol. XXVI P II p 72**);

Tajjeb li jigi notat illi huwa kontrovers bosta fid-duttrina, specjalment dik Taljana, jekk fil-kaz ta' penali pattwita ghad-dewmien hijiex necessarja ghall-esigwibilita` taghha l-kostituzzjoni preventiva in mora. Din il-Qorti ma thossx li *rebus sic stantibus* din il-problema tista' tinsorgi f' dan il-kaz gjaladarba z-zmien huwa espressament konvenut u inoltre s-socjeta` attrici sub-appaltatrici kienet konxja mill-fatt illi l-penali kienet tiskatta jekk hi ma tonorax fil-perjodu miftiehem l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet. Tista' talvolta tircievi attenzjoni f' kaz ta' xoghlijiet addizzjonali li kienu b' konsegwenza jinnecessitaw prolungament taz-zmien oltre dak kontrattat;

Indipendentement minn din l-ahhar osservazzjoni jibqa' l-fatt illi kif rimarkat mill-**Giorgi** fis-sentenza superjorment citata, sta ghas-socjeta` konvenuta l-piz tal-prova tal-kolpa ta' l-allegat dewmien. F' dan il-kaz din il-prova ma saretx, jew ahjar, ma gietx sodisfacentement skarikata mis-socjeta` konvenuta. Konkluzjoni f' dan l-istess sens tinsab raggunta mill-periti gudizzjarji;

Essenzjalment din il-konkluzjoni peritali hi sorretta fuq zewg konsiderazzjonijiet, u cjoe:-

i. Ix-xhieda nkontrastata u nkontraddetta tac-Chief Consultant Engineer Joseph Balzan;

ii. Il-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta dwar ezekuzzjoni tardiva giet kontrapposta bl-iskop uniku li tovvja ghat-talba tas-socjeta` attrici u mhux ghax verament kien hemm fil-konkret d-dewmien vantat. Dewmien li qabel il-proceduri qatt ma kien rinfaccjat lis-socjeta` attrici;

Ir-rizultanzi peritali hekk kondivizi minn din il-Qorti qed jigu adoperati minnha u allura, respinti kemm l-eccezzjonijiet kif ukoll il-kontro-talba l-Qorti ser tiddeciedi adezivament ghall-istanza tas-socjeta` attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza principali tas-socjeta` attrici billi takkolji l-istess u b' hekk tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jhallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' elfejn disa' mija u sitta u tmenin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm2986.95,0) bilanc ta' xoghlijiet ta' sub-appalt kommissjonati mis-socjeta` konvenuta u debitament ezegwiti mis-socjeta` attrici, bl-interessi dekorribbli mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (6 ta' Jannar 1995);

Tirrespingi inoltre l-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* billi din ma gietx sodisfacentement provata;

L-ispejjez gudizzjarji kollha kemm tat-talba principali kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenuti *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------